MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Numru. 324/2013

**SPETTUR ROBERT VELLA**
**VS**
**CLIVE BRINCAT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Clive Brincat ta' 31 sena, bin Joseph u Mary nee' D' Amato, mwieled Pieta' fis- 17 ta' Dicembru 1981 u residenti gewwa Block C, Flat 6, Triq l- Iljun, Floriana u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 22882M;

Talli fis- 17 ta' Marzu 2013 bejn l- 4.00pm u s- 6.00pm gewwa l- Istadium Nazzjonali sitwat f' Ta' Qali limiti ta' H' Attard filwaqt li kienet ghaddejja fil- partita futbol Birkikrara kontra Valletta;

1) attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-

persuna ta' PC 283 Roderick Borg, persuna inkarigata skont il- ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall- esekuzzjoni tal- ligi jew ta' ordni moghtija skont il- ligi minn Awtorita' kompetenti;

2) talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il- persuna ta' PC 283 Roderick Borg, persuna inkarigata skont il- ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is- servizz;

3) talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' PC 283 Roderick Borg skont kif iccertifikat minn Dr Mary Vella MD (Reg 1333) mic- Centru tas- Sahha ta' Birkirkara;

4) talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, qal fil- pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew offenda l- morali, l- imgieba xierqa jew id- decenza pubblika;

5) talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jobdi l- ordnijiet legittimi moghtija lil mill- Pulizija waqt li kienu qeghdin jaqdi d- doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il- qadi ta' dmirijiethom;

6) talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b' mod li jista' jinkiser il- bon ordni;

7) talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi gab ruhu b' mod abbuziv;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 96(a), 95(1), 221(1), 338(bb) u 338(ee) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta u LS 10.33 Reg (6) u LS 10.33 Reg (7) tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Art 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tikkundannah multa ta' mitt ewro (€100) u tordna l-inibizzjoni tieghu milli jattendi loghgob tal-football ghal erba' (4) xhur.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------